KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sebgħa u Ħamsin (57)***

***It-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2023***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-VICI SINDKU CHRISTINE DALLI
IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa.

**57.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

57.1.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli u l-Kunsillier Andreas Gatt talbu li jkunu skużati mill-Laqgħa minħabba impenji oħra.

**57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

57.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 56 li nżammet nhar it-Tnejn, 19 ta' Diċembru, 2022.

57.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 56 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

57.2.3 **Mozzjoni 57-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 56.
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech
Il-Minuti Numru 56 ġew approvati unanimament.

**57.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 57(08) – Jannar 2023***

57.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 57(08) permezz cheque numru 7210 (ref. 10655) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10647 sa 10670 li jammontaw €18,365.64

57.3.2 **Mozzjoni 57-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 57(08) bl-ammont ta' €18,365.64
Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsillier Rose Agius
L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 57(08) ġiet approvata unanimament.

**57.4 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-Istaff tal-Kunsill għas-sena 2022**

57.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-Performance Appraisals taż-żewġ impjegati tal-Kunsill.

57.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-istaff tal-Kunsill għal sena oħra reġgħu laħqu l-aspettativi fil-xogħol amministrattiv tagħhom u għaldaqstant qed tipproponi li jingħataw il-massimu tal-Performance Bonus kif ingħataw fis-snin preċedenti.

57.4.3 Għaldaqstant is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni sabiex l-istaff tal-Kunsill jingħataw 6% bħala performance bonus għas-sena 2022 rispettivament.

**Mozzjoni numru 57-03:** Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Mozzjoni Numru 57-03 ġiet approvata unanimament .

**57.5 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2022**

57.5.1 Is-Sindku Darren Abela spjega li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għal sena oħra reġgħet laħqet l-aspettativi tal-Kunsill fix-xogħol tagħha u għaldaqstant qed jipproponi li tingħata il-massimu tal-Performance Bonus kif ingħatat fis-snin preċedenti.

57.5.2 Għaldaqstant is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni sabiex is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill tingħata 10% bħala performance bonus għas-sena 2022.

**Mozzjoni numru 57-04:** Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Mozzjoni Numru 57-04 ġiet approvata unanimament .

**57.6 Proġetti għas-sena 2023**

57.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fetħet id-diskussjoni dwar din il-materja fejn tkellmet dwar il-Proġetti li se jsiru din is-sena.

57.6.2 Rigward il-proġett tal-Pjazza, infurmat li l-Kunsill għadu qed jistenna l-aħħar drawings u BOQ proposti kif ukoll it-talba uffiċċjali mingħand sid il-lukanda. Kif nirċievu dawn, il-Kunsill jgħaddi għall-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali.

57.6.3 Il-proġett ta' Santu Rokku, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li meta jkollna ic-Change of Architect iffirmata, ikun jista' jitkompla l-proġett u l-applikazzjoni għad-Development Planning Fund. Għad hemm xi affarijiet li kienu pendenti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Planning, u għaldaqstant dawn ikunu jistgħu isiru mill-Perit il-ġdid.

57.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill ingħata l-fondi sabiex isir il-Pavimentar ta' tliet sqaqin li l-istima tagħhom kien għamilha il-Perit Marvin Ellul. L-Ispiża ta' dan il-proġett huwa ta' €71,337.05, fejn ingħatajna l-Fond ta' €57,070 mill-LESA, li huma 80% tal-Proġett u l-Kunsill irid joħroġ l-ispiża ta' 20% li tammonta għal €14,267.05

57.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li l-Kunsill ingħata ukoll il-Fond tal-Proġetti Kapitali fejn se tiġi ukoll irrestawrata it-Turretta. Il-Proġett huwa ta' €116,191.01 fejn il-Kunsill ingħata €76,500 filwaqt li jrid jiffinanzja 15% tal-proġett li jammontaw għal €39,691.01

57.6.6 Rigward Miżura 4 tal-GAL, il-fondi li l-Kunsill ingħata biex isir il-proġett tal-Picnic Area fi Triq l-Andar, skada il-perjodu ta' implementazzjoni u dan minħabba li l-Permess biex jinħareġ mill-PA, ħa fit-tul u s'issa għadu ma nħariġx. Għaldaqstant ġie propost li dan il-proġett jiġi mwaqqaf u tintbagħat korrispondenza uffiċċjali li l-Kunsill qed iwaqqaf dan il-fond minħabba d-dewmien sabiex jinħareġ il-permess mill-PA.

57.6.7 Wara din id-diskussjoni u l-informazzjoni li ingħatat dwar il-Proġetti kollha, il-Kunsill qabel mal-punti kollha msemmija f'materji 57.6.2, 57.6.3, 57.6.4, 57.6.5. 57.6.6. u jiġu inklużi fil-Budget tal-Kunsill ta' din is-sena 2023.

**57.7 Attivitajiet Karnival 2023**

57.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fetħet id-diskussjoni dwar din il-Materja fejn infurmat li għaddejja b'komunikazzjoni kontinwa mar-Regjun rigward l-organizzazzjoni tal-Karnival tat-Tfal. Ġie ssuġeriet li l-banda ddoqq siegha u nofs u hemm il-possibilita' li ż-żewġ baned jintalbu jdoqqu dakinhar minħabba l-ammont ikbar ta' tfal li dis-sena huwa pjanat li jkollna. F'dak il-każ ikun hemm bżonn li tinġieb banda oħra għat-Tlieta filgħaxija.

57.7.2 Rigward il-Carnival Fun Run, is-Sindku qal li kellu suġġeriment mingħand l-organizzaturi sabiex nibdlu d-data tal-Fun Run u minflok issir is-Sibt. Il-Kunsill qabel li aħjar titħalla l-istess ġurnata, jiġifieri ssir il-Ħadd filgħodu.

57.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li se tkun qed tagħmel laqgħa mas-Supretendent il-ġdid biex niddiskutu diversi materji fosthom l-organizzazzjoni tal-Karnival u l-permessi.

57.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba sabiex jintrama' Bouncing Castle fi Triq G.M.Farrugia fil-Karnival. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jarma mill-Każin ta' Santa Marija l-isfel.

**57.8 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

57.8.1 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jinxtara PA system għal Kunsill u ressaq żewġ kwotazzjonijiet. Il-Kunsill approva li jixtri PA System għal prezz Eur180.

57.8.2 Rigward ir-Recycle Points, ġejna nfurmati li ż-żona ta' Trejqet Santu Kristu ma tistax tiġi kkunsidrata bħala żona fejn jistgħu isiru l-iBins. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jsiru fi Triq il-Barbazzal iżda bħala it-tieni sit għandu jibqa' jsostni li jsiru fi Trejqet Santu Kristu.

57.8.3 Tressqet l-applikazzjoni tal-*Lifelong Learning Courses* fejn il-Kunsill qabel li jerġa' japplika għal Bobbin Lacing Course.

57.8.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-Laqgħa Annwali issir qabel il-Laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Il-Kunsill qabel.

57.8.5 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-kuntratt il-ġdid ta' ġbir ta' skart fejn qal li hemm ftit problemi żgħar li qegħdin jiġu indirizzati mal-kuntrattur. Il-Kunsill ġie mitlub ukoll biex jibgħat lista tal-ħwienet iż-żgħar sabiex jinġabrilhom l-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li se tkun qed tibgħat il-lista għall-attenzjoni ta' kulħadd.

57.8.6 Is-Sindku Darren Abela talab kwotazzjoni għal-iskips li kien hemm fi Triq iċ-Cimiterju u ppropona ukoll li ssir waħda fejn in-Nursery u li titbattal darba fil-ġimgħa għal prezz ta' Eur80. Rigward l-iskip ta' Triq Ħal Tarxien il-Kunsill qabel li jkellem lill-kuntrattur sabiex l-iskart jibda jinġabar għax dan ukoll huwa residenzjali, u f'każ li ma jinġabarx il-Kunsill ma jħallasx.

57.8.7 Is-Sindku Darren Abela ppropona li terġa' tintbagħat it-talba sabiex isir il-proġett f'salib it-toroq Triq il-Belt Valletta u Triq San Filippu. Il-Kunsill qabel li terġa' tinbagħat.

57.8.8 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex titpoġġa *road hump* fi Triq San Filippu. Il-Kunsill ma qabilx.

57.8.9 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir rampa quddiem l-ispiżerija ta' St.Philips fi Triq iċ-Ċeppun. Il-Kunsill qabel li ngibu stima biex titranga.

57.8.10 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-poster Karnival u fakkar biex kemm jista' jkun il-posters ma jdumux ma jinħarġu. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li l-posters qed jitlesta.

57.8.11 Is-Sindku Darren Abela qal li se tintbagħat it-talba sabiex jissemma Sqaq Angelo Attard kif ukoll ittra ta' awtorizazzjoni mill-familjari tiegħu. L-isqaq li se jissemma għalih huwa Sqaq numru 1 fi Triq San Filippu.

57.8.12 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-isqaq tal-Librerija ukoll jingħata isem. Ġie propost li jissemma' għas-Sur Albert Catania li kien edukatur magħruf u maħbub ħafna. Dwar din il-proposta, il-Kunsill qabel unanimament.

57.8.13 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex isiru traffic lights oħra fi Triq Għar Dalam ftit 'il fuq minn Għar Dalam. Il-Kunsillier Keith Fenech sostna li ma jaqbilx li jsiru Traffic Lights oħra fl-imsemmija triq. Il-kumplament tal-membri preżenti qablu li tintbagħat it-talba lill-TM.

57.8.14 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li se ssir tiġrija biż-żwiemel organizzata mir-Reġjun. Ir-Reġjun qed jipproponu li wara li ssir il-promozzjoni u jkun hemm residenti li huma interessati li jattendu dan l-avveniment, il-Kunsill għandu jħallas it-trasport tagħhom. Dwar dan il-Kunsill qabel.

57.8.15 Is-Sindku Darren Abela ressaq proposta sabiex issir talba lill-Enemalta biex jiżdiedu s-substations fir-raħal tagħna minħabba li kibret id-domanda u l-konsum tal-elettriku. Dwar dan il-Kunsill qabel.

**57.9 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

57.9.1 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa fuq meta se jibdew ix-xogħlijiet fi Triq Ħas-Saptan. Is-Sindku Darren Abela qal li se jkellem lill-kuntrattur.

57.9.2 Il-Kunsilliera Rose Agius ġibdet l-attenzjoni li hemm ammont ta' tabelli li qegħdin bla kulur u hemm bżonn jinbidlu. Il-Kunsill qabel li tinġieb kwotazzjoni biex jinbidlu t-tabelli u jsiru taċ-ċeramika.

**57.10 Mozzjonijiet**

56.10.1 Annessi mal-Minuti

**57.11 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

56.11.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 13 ta' Frar 2023 fil-5.30pm. u qabilha fil-5:00pm issir il-Laqgħa tal-Lokalita'.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 57**

**Mozzjoni Ref:** 57-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 56

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Keith Fenech**<br>**Sekondant** |

**Data:** 16 ta' Jannar 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 57**

**Mozzjoni Ref:** 57-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta’ Pagament Nru 57/08

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Keith Fenech**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 16 ta’ Jannar 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 57**

**Mozzjoni Ref:** 57-03

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat il-Performance Bonus tal-istaff tal-Kunsill għas-sena 2022

**Keith Fenech**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

**Data:** 16 ta' Jannar 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 57**

**Mozzjoni Ref:** 57-03

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat il-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2022

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech** | **Rose Agius** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 16 ta' Jannar 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

c